MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 14/2008

Noel Gauci

Vs

Anthony Saliba

Il-Qorti;

Permezz ta’ rikors prezentat fid-19 ta’ Mejju 2008 l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ hamest elef disgha mija u dsatax-il ewro (€5,919) valur ta’ merkanzija.

Min-naha tieghu l-konvenut isostni li kien baghat cekk fl-ammont ta’ €3028.81 lill-konvenut, u li fir-rigward tal-bilanc l-attur qieghed jippretendi hlas minghajr ma ta rendikont.

Fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2008, l-attur irriduca t-talba bis-somma ta’ tlett elef u tmienja u ghoxrin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€3,028.81) sabiex il-bilanc li baqa’ jippretendi kien ta’ €2,890.19. Dan wara li waqt is-seduta

inghata cheque ghal din is-somma li l-konvenut ma kienx qieghed jikkontesta.

Fis-26 ta' Marzu 2006 il-kontendenti ffirmaw ftehim (fol. 15) fejn ftehemu li l-konvenut jinghata merkanzija mill-attur (*solar water heaters*, *airconditioners*, banijiet, *showers*, sistemi ta' *reverse osmosis* ta' l-ilma) sabiex ibieghhom mill-hanut tieghu f'Ghawdex. Il-ftehim kien ghall-perjodu ta' hames (5) snin, ghalkemm kull parti rrizervat id-dritt li f'kull zmien tittermina l-ftehim billi taghti pre-avviz ta' tnax-il xahar. Permezz ta' dan il-ftehim, l-attur intrabat li:-

(a) Jinkariga lill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta' installazzjoni, manutenzjoni u tiswija f'Ghawdex.
(b) Jhallas kummissjoni ta' 23% lill-konvenut fil-bejgh ta' merkanzija li jaghmel il-konvenut. Kummissjoni li kellha titnaqqas direttament mill-prezz dovut mill-konvenut.
(c) Jipprovdi l-parts lill-konvenut fir-rigward ta' oggetti li jkunu ghadhom koperti mill-garanzija. L-attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenut is-somma ta' Lm3 ghal skull siegha f'tiswija meta l-oggett ikun ghadu kopert minn garanzija, liema hlas kellu jsir f'kaz li l-hsarat *"....jkunu frekwenti b'mod li jaffetwaw l-operat...."* tal-konvenut.

Mal-ftehim hemm skeda (ara fol. 17) bir-rati ta' hlas ghal dik li hi kummissjoni u hlas ghal installazzjoni ta' *solar water heater*, *airconditioner*, banjijiet, docca u sistema ta' ilma *reverse osmosis*.

F'affidavit li pprezenta fit-22 ta' Settembru 2008 (fol. 12) l-attur ta rendikont tal-ammont li qieghed jippretendi. Dawn jinkludu:

Invoice 2729.......................Lm1028
Invoice 2730.......................Lm875
Invoice 2732.......................Lm606
Invoice 2617.......................Lm307

**Total..................................Lm2816 (€6559.52) li m'humiex kontestati mill-konvenut**[1].

Fil-mori ta' dan il-procediment sar hlas ta' €3,028.81, u ghalhekk jibqa' bilanc ta' **€3,530.71**. Ma' din is-somma l-attur qieghed jippretendi li jizdiedu dawn l-ammonti[2]:-

Invoice 2733.....................Lm488 (€1,136.73).
Oggetti mhux ritornati......Lm91 (€211.97).
**Total ................................€4,879.41**. B'dan li l-attur qieghed jaqbel li ghandha titnaqqas is-somma ta' €2,059.17[3].

B'hekk l-attur jippretendi li ghadu kreditur tal-konvenut fis-somma ta' **€2,820.24**.

L-ezercizzju li jrid isir hu, tista' tghid, wiehed ta' konteggi sabiex jigi stabbilit jekk dan il-bilanc (jew xi parti minnu) huwiex dovut lill-attur. Il-qorti, wara li rat l-atti, tasal ghal dawn il-konkluzjonijiet:-

- Il-konvenut jippretendi li ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm200 (€465.88), ammont li jghid li ma gabarx minghand zewg klijenti minhabba l-fatt li l-attur ma kienx tah is-serial number ta' zewg *solar water heaters*, liema numru kien essenzjali sabiex dawn il-klijenti ikunu jistghu jgawdu minn beneficcju finanzjarju moghti mill-Gvern. Il-qorti ma taqbilx. Jekk l-attur ghogbu li minn jeddu jnaqqas parti mill-prezz minghajr l-awtorizazzjoni tal-attur, ma jistax jippretendi li c-cifra titnaqqas mill-bilanc li qieghed jippretendi l-attur. Mill-provi ma rrizultax li l-konvenut talab l-approvazzjoni tal-attur qabel ta dan l-iskont, u wisq inqas ma ddiskuta din il-kwistjoi mal-attur qabel ha d-decizjoni li jnaqqas is-somma ta' Lm100 minn kull kont. Il-qorti hi tal-fehma li jekk il-kljenti kienu qeghdin jirrifjutaw li jhallsu qabel jinghataw is-*serial number*, il-konvenut kellu jitlob l-intervent tal-attur in kwantu mill-provi rrizulta li n-negozju kien ghamlu l-istess attur.

---

[1] Ara verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2008 (fol. 22).
[2] Ara affidavit a fol. 12.
[3] €1942.70 valur ta' merkanzija li l-attur ha lura minghand konvenut u €116.46 valur ta' xoghol li l-konvenut ghadu ma thallasx tieghu.

- Dwar airconditioner 18,000 btu 407C b'valur ta' Lm200.23 (€466.41): Il-konvenut jippretendi li dan l-ammont ghandu wkoll jitnaqqas. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fl-14 ta' Mejju 2009, ghamel riferenza ghad-deposizzjoni li ta[4] fejn iddikjara li l-airconditioner kien xtrah sabiex jitqieghed fil-hanut tieghu[5]. Fin-nota ta' sottomissjonijiet argumenta li: *"Ghaldaqstant stante illi fir-rigward tal-oggetti l-ohra Noel Gauci ghazel li jehodhom lura u jaghti lura l-flus lil Anthony Saliba, l-istess ghandu jsir fir-rigward ta' dan l-item u mhux vice versa kif qed jippretendi l-attur Noel Gauci."*. Gialadarba l-partijiet ma komplewx bin-negozju u l-attur ha lura l-merkanzija l-ohra li kien hemm fil-hanut, il-konvenut qieghed jippretendi li ghandu jiehu lura dan l-airconditioner u l-valur tieghu jitnaqqas minn kwalsiasi bilanc li jista' jkun dovut lill-attur. Il-qorti ma taqbilx. Il-konvenut qieghed jaccetta li kien xtara l-airconditioner in kwistjoni minghand l-attur. F'tali cirkostanzi l-attur ma kellu l-ebda obbligu li jiehu lura dan l-airconditioner meta spicca n-negozju bejn il-kontendenti. Il-fatt li l-attur ha airconditioners ohra li kien hemm fil-hanut, ma jfissirx li kellu xi obbligu li jiehu wkoll dan l-airconditioner. F'dan il-kuntest l-attur xehed[6]: *"Nikkonferma illi l-units illi hadt lura minghand il-konvenut illi hu kien diga' xtara hadthom di buona volonta u ma kelli ebda obbligazzjoni li jiena nehodhom lura."* (fol. 68). Lanqas ma rrizulta li meta spicca n-negozju kien intlehaq xi ftehim bejn il-kontendenti li l-attur ser jiehu lura dan l-airconditioner.
- Dwar airconditioner 24,000 btu b'valur ta' Lm291 (€677.85): Il-konvenut isostni li dan hu wiehed mill-oggetti li ha l-attur meta gabar il-merkanzija mill-hanut. Min-naha l-ohra l-attur jikkontesta din l-asserzjoni. Il-konvenut ipprezenta ritratti tal-vann mghobbi bil-merkanzija li ttiehdet mill-attur (ara fol. 43). Kif ikkonferma l-attur stess hemm zewg kaxxi li huma ta' airconditioner 24,000 btu. Ghalkemm inghataw verzjonijiet differenti, l-qorti temmen

[4] Seduta tad-9 ta' Jannar 2009.
[5] *"Jiena nikkonferma illi dan l-item kont xrajtu u issa qieghed nippretendi ili kif gara fir-rigwad tal-merkanzija l-ohra li ha minghandi Noel Gauci u li kont ukoll xtrajtha, jaghmel l-istess fuq dan l-oggett. Dan huwa air conditioner illi llum ma tbieghux."* (fol. 60).
[6] Fol. 68.

il-verzjoni tal-konvenut. L-attur xehed: *"Il-fatt illi qed jidhru dawn iz-zewg kaxxi fir-ritratti a fol. 42 ghalija tista' ikollha zewg spjegazzjonijiet – jew il-kaxxa hemm merkanzija illi mhiex 24,000 btu unit, jew inkella jekk hi 24,000 btu unit, kien unit illi kien on consignment ghand il-konvenut u illi jiena hadtulu lura."* (fol. 68). Pero l-konvenut ipprezenta dokument (MS4 u MS5 – fol. 77) fejn hdejn 24K hemm l-inizjali tieghu u l-kliem returned. Il-konvenut ma kkontestax li l-inizjali hi tieghu. Ghalkemm irrizulta li l-kliem*"returned to Noel Gauci of Mdina Road Qormi 4th December 2007"* inkitbu minn mart il-konvenut f'xi zmien wara li ttiehdet il-merkanzija, ma rrizultax li kemm dam fis-sehh il-ftehim kien hemm xi okkazzjoni ohra meta l-attur ha lura airconditioner 24,000 btu. Fl-ahhar seduta[7] l-attur ipprezenta dokument li fih ighid li elenka l-oggetti li ha minghand il-konvenut u li ta lil Dominic Department Stores. Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-attur, il-fatt li l-airconditioner ta' 24000 btu ma jissemmix f'dan id-dokument (dok. AE1) ma jfissirx li dan l-oggett ma ttiehidx minghand il-konvenut. Ghalkemm l-attur stess ammetta li minghand il-konvenut kien ha wkoll airconditioners 9,000 btu, dawn ukoll ma jissemmewx fid-dokument AE1. B'daqshekk ma jfissirx li ma ttiehdux. Inoltre f'dan id-dokument hemm ukoll **"AC 24K"** li hi ngassata. L-attur ma offra l-ebda spjegazzjoni ghalfejn ir-riferenza ghal dan l-airconditioner giet ingassata. Il-qorti temmen li f'dan il-kuntest il-verzjoni tal-konvenut hi iktar verosimili.

- **Invoice numru 2733 datat 8 ta' Ottubru 2007**. Il-qorti taqbel mat-tezi tal-konvenut li l-ammont dovut hu ta' Lm259 (€603.31) u mhux ta' Lm488 (€1,136.73)[8]. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-invoice 2754 datat 4 ta' Gunju 2007 (fol. 65), inkluz fl-invoice 2733, minn fejn jirrizulta li l-bilanc kien thallas (**Paid Full**) u hemm id-data tas-16 ta' Ottubru 2007 u n-numru ta' cekk (BOV 335). Id-data tal-hlas (16/10/2007) hi wara d-data tal-invoice 2733 (8/10/2007), fattur li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li l-konvenut qieghed ighid il-verita. Ghalkemm l-attur kien iddikjara li ser jaghmel il-verifiki dwar dan id-dokument sabiex jikkonferma jekk kienx ircieva l-hlas tal-bilanc fir-

[7] 14 ta' April 2009.
[8] Ara dokument a fol. 48 minn fejn jirrizulta li l-konvenut m'huwiex jikkontesta s-somma ta' Lm259 (€603.31) mill-invoice numru 2733.

rigward tal-invoice 2754, baqa' ma tax taghrif u lanqas irribatta dak li qal il-konvenut. Fic-cirkostanzi l-qorti tqies li l-verzjoni tal-konvenut ghandha titwemmen.

- Ghandu jsir tnaqqis ta' Lm31 (€72.21) li jirreferu ghal *thick vacuum tubes* li l-attur, meta xehed, iddikjara li kien ha lura (ara xhieda tal-attur a fol. 51).
- Fir-rigward ta' oggetti li ma gewx ritornati u li l-attur qieghed jippretendi li ghandu jithallas taghha, il-konvenut isostni li fir-rigward tal-pompa ta' Reverse Osmosis u zewg power supplies tar-reverse osmosis (Lm55 - €128.12), dawn intuzaw minhabba hsarat li nqalghu ghand klijenti. Qal ukoll li kienu gew skambjati emails bejnu u l-attur dwar dawn l-affarijiet. Pero' d-dokumenti esebiti mill-konvenut fis-seduta 13 ta' Marzu 2009 ma jinkludux dokumenti simili u l-qorti ser tiskarta t-tezi tal-konvenut. Min-naha l-ohra fir-rigward tas-sitt brackets tal-airconditioner (Lm36 - €83.86), ma tressqitx prova sodisfacenti li dawn inghataw lill-konvenut.
- Ghal dawk il-hlasijiet li l-konvenut jippretendi fir-rigward ta' xogholijiet li ghamel f'Ghawdex (fol. 46), il-qorti hi tal-fehma li l-ammonti li huma dovuti lill-attur huma s-segwenti:

(a) Installazzjoni ta' banju lil Mark Calleja.......Lm30.
(b) Konsenja ta' banju lil Frans Galea...............Lm20.
(c) Ghal kumplament, dak li ddikjara l-attur fl-affidavit a fol. 13 u 14 ghandu mis-sewwa. Konkluzjoni li l-qorti waslet ghaliha mid-dokumenti esebiti[9] u minn klawzola 9 tal-ftehim.

Fir-rigward tal-allegazzjonijiet li ghamel il-konvenut dwar difetti fil-merkanzija li kien jatih l-attur, fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex rilevanti ghall-ezitu ta' din il-kawza. F'dan il-kuntest ma saret l-ebda talba rikonvenzjonali u f'kull kaz ma tressqux provi sodisfacenti min-naha tal-konvenut.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament ghas-somma ta' elf erbgha mija u tnejn u hamsin ewro u disghajn centezmu (€1,452.90). Bl-imghax b'sehh mill-**

[9] Il-qorti hi tal-fehma li mid-dokumenti jirrizulta li fejn is-sistema ta' reverse osmosis kienet qeghda tinghata bhala offerta, il-hlas lill-attur ghall-istallazzjoni kienet cifra wahda, dik ta' Lm30.

**4 ta' Dicembru 2007, cjoe' d-data meta l-kontendenti ma komplewx bil-ftehim[10].**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) a karigu tal-konvenut u kwart (1/4) a karigu tal-attur.**

**Fl-ahharnett wara li l-kawza ssir gudikat tawtorizza lill-konvenut sabiex jirtira mill-atti l-kotba tal-invoices li pprezenta u markati bhala Dokument MS1 u MS2 (fol. 77).**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[10] Fir-rigward tas-somma ta' €3,028.81 li thallset fil-mori, l-imghax jibqa' jiddekorri sas-16/10/2008 in kwantu fis-seduta tas-17/10/2008 l-attur irrinunzja ghal din is-somma. Fil-fehma tal-qorti m'hemmx dubju li c-cekk ta' €3,0281 li ntbaghat mal-ittra legali tas-16/4/2008 kien mibghut bhala hlas ghas-saldu, tant li fil-kors tal-kawza l-konvenut kien qieghed isostni li s-somma dovuta lill-attur kienet ta' €3,0281 u xejn iktar. Hekk per ezempju fir-risposta ddikjara li l-hlas ta' €3,0281 kien *"...kwalifikat minn lista dettaljata maghmula mil-intimat ta' fuq x'kien jikkonsisti l-bilanc dovut."* (fol. 6).